SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2014

**DATA: It-Tnejn, 3 ta' Frar 2014** **ĦIN: 7.00p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fil-Librerija Pubblika.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul, il-Kunsilliera: Joseph Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri, l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Claire Mamo, s-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Uffiċċjal Eżekuttiv Louise Gatt u l-Iskrivana Marilyn Ellul flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- *Resurfacing* ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- Attivitajiet u inizjattivi tal-Kunsill 2013
- Amministrazzjoni

Is-Sindku rringrazzja lis-Sur E.V. Borg tal-pariri rigward l-iskulturi li hemm fil-Picnic Area.

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2014

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2014. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2014
- Proġetti Strutturali
- Proġetti Favur l-Ambjent
- Proġetti u Inizjattivi Indirizzati lejn il-Kommunita'

Is-Sindku ta wkoll rendikont ta' l-ammont ta' flus li l-Kunsill ser ikun qed jonfoq din is-sena fuq *resurfacing* ta' toroq u fuq il-proġett ta' *underground water reservoir.*

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *4.1 Is-Sur Thomas Micallef ID 301082M*

Is-Sur Micallef rrefera għal Triq il-Ġnien u staqsa meta ser jibda x-xogħol fuq din it-triq. Huwa tkellem ukoll fuq it-transport pubbliku u ppropona biex ir-rotta 83 li titlaq minn Triq Ġuljetta Lopez biex idur ma' Santa Luċija, iddur lejn Triq Begonja.

#### *4.1.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal ix-xogħol fi Triq il-Ġnien ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin u qal li bħalissa qed jiġu mmarkati s-servizzi eżistenti. Fir-rigward tar-rotta 83 huwa qal li s-suġġerimenti kollha li jirċievi l-Kunsill jiġu mibgħuta għall-attenzjoni ta' Transport Malta. Dwar is-suġġeriment biex rotta 83 tgħaddi minn Triq Begonja, s-Sindku qal li mhux possibli li karrozza tal-linja toħroġ minn Triq Begonja għal fuq Dawret it-Torri minħabba li din it-triq mhux wiesgħa biżżejjed.

### *4.2 Is-Sinjura Catherine Polidano ID 14263G*

Is-Sinjura Polidano rringrazzjat il-Kunsill u l-istaff tas-servizz li jgħatu lir-residenti. Hija rreferit ukoll għal proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' u qalet li xtaqet li jsir ġest ta' rikonoxximent mir-residenti lil ħaddiema Ċiniżi li ħadmu fuq dan il-proġett. Hija kompliet tgħid li dawn kienu veru ħaddiema eżemplari. Fir-rigward tat-transport pubbliku s-sinjura Polidano qalet li bi pjaċir tinnota li sar titjieb u ssuġġerit li fi Triq tal-Barrani tintuża l-Bus Stop eżistenti biex rottot li jkunu ġejjin minn naħa taż-Żejtun ikunu ta' servizz ukoll għan-nies ta' Santa Luċija. Qamet diskussjoni u ġie nutat li n-*night bus service* li kien jingħata ġie abbandunat. Is-Sinjura Polidano ġibdet ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm ħafna affarijiet mormija fin-niżla li hemm fil-parti ta' Wied Garnaw li tmiss mat-triq u hemm bżonn ta' tindifa. Hija għamlet referenza wkoll għall-applikazzjoni li hemm bħalissa quddiem il-Mepa biex isir 5-*a-side football pitch* fejn il-Ground tal-Football f'Dawret it-Torri. Hija rrimarkat li din l-area qabel kienet pubblika u setgħet titgawda minn nies u issa saret tal-privat.

#### *4.2.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa ħa ħsieb biex irringrazzja lil ħaddiema Ċiniżi waqt attivita' soċjali li magħtula tqassmu *mementos* bħala sinjal ta'

ringrazzjament għan-nom tal-kommunita' ta' Santa Luċija. Fir-rigward tat-transport pubbliku żied jgħid li fil-proposti tiegħu l-Kunsill kien qed jgħid li l-X2 u l-X3 li jgħaddu minn Luqa Bye-Pass minn u lejn l-Airport jistgħu wkoll ikunu ta' servizz lir-residenti ta' Santa Luċija. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill qed jissuġerixxi li l-X2 u l-X3 li tkun sejra lejn l-Airport għandha tidhol ġo Santa Luċija mid-dħul fl-Luqa Bye-Pass tieqaf fl-istagg li hemm fi Triq Peprin u toħroġ mill-ħruġ li hemm fi Triq Katerina Vitale ħdejn l-iskola. Fir-rigward tat-tindif f'Wied Garnaw is-Sindku qal li ser titieħed azzjoni biex fejn hemm skart mormi jitneħħa. B'referenza għal proġett tal-5-*a-side football pitch* is-Sindku qal li l-Kunsill mhux kontra dan il-proġett li ser jipprovdi faċilita' sportiva oħra l minnha jistgħu jibbenefaw iż-żgħażagħ. Huwa qal li l-unika kondizzjoni li ressaq il-Kunsill fir-rigward ta' dan l-applikazzjoni huwa li jridu jiġu *re-instated* il-bankijiet u l-lampi li ser jinqagħlu.

### *4.3 Is-Sur Hector Mizzi ID 554659M*

Is-Sur Mizzi rrefera għal parti mill-bankina fil-bidu ta' Triq Prinjoli fuq naħa tal-Wied u qal li din tiżloq ħafna u perikoluża. Huwa qal li f'din l-*area* jżomm ħafna ilma tax-xita u semma wkoll li s-siġar ta' l-Oleandri għandhom bżonn żabra. Is-Sur Mizzi rrefera wkoll għas-siġar tal-ħarrub li hemm fil-*Jogging Track* u qal li min żergħahom hemm ma jifhimx. Semma wkoll is-*subway* u ssuġerixxa li ssir CCTV camera għax in-nies jibżgħu jaqsmu minn hemm. Is-Sur Mizzi ippropona wkoll li la jerġa jiftaħ Ġnien is-Serenita' dan għandu jdum aktar miftuħ filgħaxija. Is-Sur Mizzi semma l-bżonn li jsir *reservior* fi Ġnien is-Serenita'.

### *4.3.1 Tweġiba tas-Sindku*

B'referenza għall-bankina fi Triq Prinjoli s-Sindku qal li dik il-parti tal-bankina ma tantx tara xemx għaldaqstant fix-xitwa l-wiċċ jiħdar. Fir-rigward ta' l-għadajjar huwa qal li l-ilma mhux jaqleb sew għal ġol-gutters. Is-Sindku qal li fi Ġnien is-Serenita' hemm spira u ġibja oħra fil-Picnic Area. Dwar Ġnien is-Serenita' huwa qal li għalissa ma jistax jitkellem aktar peress li ser ikun qed jiltaqa ma' l-Ministru tal-Finanzi dwar it-tmexxija ta' dan il-ġnien.

### *4.4 Is-Sur Tony Attard 175047M*

Is-Sur Attard semma t-transport pubbliku u qal li diversi rottot li jiġu minn lokalitajiet oħra jistgħu jiġu kkombinati biex jgħaddu minn Santa Luċija. Huwa rrefera għar-rotta numru 84 u ppropona li jsir *bus stop* ħdejn il-ħanut Wagon Wheel fl-*area* ta' Xintill Roundabout. Is-Sur Attard qal li xtaq jgħid prosit fir-rigward tax-xogħol ta' rinovazzjoni li sar fi Ġnien is-Serenita' u ssuġerixxa li l-Picnic Area ssir *open air gym*. Is-Sur Attard tkellem ukoll dwar il-ħmieġ ta' l-

annimali li jitħallew iħammġu barra u qal li f'Santa Luċija hawn problema kbira f'dan ir-rigward. Is-Sur Attard tkellem ukoll dwar ħofra madwar tappira tad-dranaġġ fi Triq Katerina Vitale li jsirilha manutenzjoni u terġa tinżel.

### *4.5 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li qed tittieħed nota tas-suġġeriment dwar it-transport,li qajjem is-Sur Attard. Fir-rigward ta' l-*open air gym* is-Sindku qal li diġa hemm il-*Jogging Track* li joffri din il-faċilita'. Dwar il-ħmieġ ta' l-annimali s-Sindku ta xi nformazzjoni dwar x'tgħid l-liġi f'dan ir-rigward u qal li qed jingħad li n-numru ta' *green wardens* ser jiżdied u jittama li l-Kunsill ikun jista' juża dan is-servizz biex tiġi kkontrollata s-sitwazzjoni dwar il-ħmieġ ta' l-annimali. Fir-rigward ta' l-ħofra li hemm madwar it-tappiera fi Triq Katerina Vitale s-Sindku qal li għanda tinbagħt ittra lil WSC dwar dan.

### *4.6 Is-Sur Joe Attard ID 159146M*

Is-Sur Attard rrefera għaż-żwiemel li jkun hawn fit-toroq u qal li dawn iżommu t-traffiku. Tkellem ukoll dwar id-dgħajjes li jitħallew fit-toroq fix-xhur tax-xitwa. Huwa semma wkoll il-problema ta' karozzi abbandunati pparkjati fit-toroq. Is-Sur Attard irrefera għas-servizz tal-knis u qal li l-kennies qed ibattal il-Bin ġol-boroż is-suwed u jħalliehom fit-triq biex jiġborhom il-kollettur. Waqt l-intervent tas-Sur Attard sar ilment fir-rigward ta' Triq Kaħwiela u nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li f'din it-triq rari tara kennies.

### *4.6.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li l-pulizija għaddejjin b'eżerċizju dwar karozzi abbandunati fit-toroq. Huwa qal li filfatt, meta l-Kunsill jirċievi ilment dan jiġi mgħoddi lil Pulizija. Dwar is-servizz ta' l-knis is-Sindku qal li la terġa toħroġ is-sejħa għall-offerti l-Kunsill mhux ser ikun qed iħares lejn min hu l-orħos iżda lejn min jista jgħati l-aħjar servizz. Huwa qal li l-Kunsill ser iwissi l-kuntrattur tal-knis rigward is-servizz li qed jingħata.

### *4.7 Is-Sur Carmelo Schembri ID 777739M*

Is-Sur Carmelo Schembri semma Triq il-Peprin u qal li xtaq jaf meta ser issir din it-triq. Huwa qal li din it-triq tinsab fi stat ħażin ħafna u mimlija ħofor.

**4.7.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku qal li għalissa mhux finanzjarament possibbli li Triq il-Peprin jgħamilha l-Kunsill. Huwa kompla jgħid li kien kiteb lil Ministru għat-Transport fejn ippropona li din it-triq issir minn Transport Malta minħabba l-importanza turistika li ser ikollu l-Ġnien Ċiniż.

***4.7.1 Is-Sinjura Polly Cilia ID 43954M***

Is-sinjura Cilia rreferit għat-transport pubbliku fejn jirrigwardja l-ħinijiet u rottot għall-isptar Mater dei.

**4.7.1** Is-Sindku rringrazzja lis-sinjura Cilia ta' l-intervent tagħha.

**5. RINGRAZZJAMENT**

Is-Sindku ringrazzja li kull min attenda għal din il-laqgħa.

**5. TMIEM**

Il-laqgħa ntemmet fit-9.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 17 ta' Frar 2014</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**